

Paġna ewlenija>Drittijietek>Drittijiet fundamentali>Fejn nista' nsib l-għajnuna>Glossarju

Glossarju

Jekk għandek xi dubju dwar it-tifsira ta' terminu użat waqt l-investigazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tiegħek, tista' tikkonsulta glossarju li jispjega t-tifsira ta' termini li jintużaw is-soltu.

L-oqsma tad-drittijiet ġenerali

Terminu	Deskrizzjoni
Dritt ta' aċċess għall-qrati u korpi oħrajn biex tikseb rimedju, bħal deċiżjoni vinkolanti jew kumpens finanzjarju	Dawn huma għal meta ma tkunx tista' tirrikorri għall-ġustizzja, meta s-smiġh tiegħek ikun inġust jew immexxi ħażin fil-privat, il-qorti ma tkunx indipendenti, it-tul tal-proċedimenti ma jkunux raġonevoli jew jekk ma tirċevix għajnuna legali jew rappreżentanza legali. Japplikaw ukoll jekk tkun ittrattat bħala ħati qabel ma l-ħtija tiġi ppruvata f'qorti, jekk tinsab ħati ta' att li mhux reat kriminali, il-piena tkun ħarxa żżejjed jew qed tiġi kkastigat darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess att.
Drittijiet tal-konsumatur	Dawn huma għal meta tħabbat wiċċek ma' trattament inġust int u tixtri prodott jew servizz (inkluż xiri onlajn), jew meta dak li tixtri jkun ta' standard baxx. Ikopru wkoll kwistjonijiet bħal klawżoli kuntrattwali inġusti jew jekk tkun imqarraq mir-reklamar jew jekk l-operatur tal-pakkett tal-ivvjaġġar tiegħek ifalli.
Drittijiet ambjentali	Dawn huma għal meta l-ambjent fejn tgħix ma jiġix preżervat u mħares kif xieraq. Ikopru wkoll jekk ikollok tbat i-tniġġis, bħal kwalità tal-arja ħażina jew kimiċi tossiċi.
Drittijiet relatati mal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon	Dawn huma għal meta tkun ristretta l-libertà tiegħek li jkollok opinjoni, u li tirċievi u tittrażmetti informazzjoni u ideat, inkluż onlajn. Dawn ikopru wkoll attivitajiet bħall-ħolqien, il-prestazzjoni, id-distribuzzjoni jew l-eżibizzjoni liberi ta' xogħlijiet artistiċi.
Drittijiet ta' ażil u immigrazzjoni	Dawn huma għal meta ma tiħalliex titlob ażil jew jekk titneħħa, titkeċċa jew tiġi estradit lejn pajjiż fejn hemm riskju serju li tista' tkun soġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pjeni jew trattamenti inumani jew degradanti oħrajn.
Drittijiet relatati mal-libertà ta' moviment fl-UE	Dawn huma, pereżempju, għal meta ma tiħalliex tiċċaqlaq jew tirisjedi liberament fl-Unjoni Ewropea, biex taħdem, tistudja, tiftaħ negozju jew takkumpanja membru tal-familja.
Drittijiet ta' nondiskriminazzjoni	Dawn huma għal meta tiġi ttrattat differenti fuq il-bażi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, l-età, id-diżabbiltà, l-orjentament sesswali (għal nies leżbjani, omosesswali, bisesswali, transesswali jew intersesswali), ir-reliġjon u t-twemmin tiegħek, jew għal raġunijiet oħra bħall-edukazzjoni, l-impjeg, is-sigurtà soċjali, il-kura tas-saħħa, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi jew l-abitazzjoni. Dawn japplikaw ukoll jekk tkun vittma ta' reat ta' mibegħda - reat motivat minn razziżmu, ksenofobija, intolleranza reliġjuża, jew minn diżabbiltà reali jew perċepita, orjentament sesswali jew identitità tal-ġeneru.
Drittijiet relatati mal-protezzjoni tad-data personali	Dawn huma dwar il-ġbir tad-data personali tiegħek, l-aċċess għaliha u l-użu minnha (kulma jidentifikak, bħal ismek, in-numri tat-telefon, id-data tat-twelid jew ir-ritratti) minn oħrajn (individwi, kumpaniji, awtoritajiet pubbliċi, il-gvern, aġenziji jew kwalunkwe korp ieħor), inkluż onlajn. Dawn jinkludu wkoll telefonati jew posta ta' promozzjoni kummerċjali diretta li ma tkunx trid tirċievi.
Drittijiet relatati mal-protezzjoni tal-integrità fiżika u mentali ta' persuna	Dawn huma għal meta int tkun ittrattat ħażin, miżmum inġustament, ittorturat, jew tkun vittma ta' piena jew trattament degradanti jew inuman, skjavitù, jew xogħol forzat, jew traffikar tal-bnedmin. Dawn japplikaw ukoll għal każijiet fejn pereżempju jinqatel qarib tiegħek.
Drittijiet ta' parteċipazzjoni soċjali u politika	Dawn huma għal meta ma tiħallilek il-libertà tal-għaqda paċifika, jew ma tiħallix tiffirma partit politiku jew tingħaqad ma' trade union jew kwalunkwe assoċjazzjoni oħra. Dawn japplikaw ukoll jekk id-dritt tiegħek li tivvota jew li toħroġ bħala kandidat f'elezzjoni jkun ristrett. Jekk tiġi miċħud minn protezzjoni diplomatika jew konsulari mill-awtoritajiet nazzjonali tiegħek, dan ikun kopert ukoll.
Drittijiet relatati mal-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-familja	Dawn huma għal meta l-ħajja privata jew tal-familja tiegħek ma tiġix rispettata. Dawn jinkludu l-identità personali tiegħek (eż l-għażla tal-isem, kif tilbes, l-identità sesswali), it-trattamenti mediċi (negliġenti jew bla kunsens), segwiment bil-moħbi (inkluż cyberstalking), tfitxijiet fuq il-persuna bla ġustifikazzjoni jew teħid tal-marki tas-swaba' mill-pulizija, ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-fal, ir-relazzjoni bejn ukoll u sieħbek/seħbitek (inkluża sħubija tal-istess sess), l-adozzjonijiet, eċċ. Dawn jinkludu wkoll sitwazzjonijiet fejn titkeċċa għal raġuni marbuta mal-maternità u d-dritt għal liv tal-maternità u tal-ġenituri bi fhas.
Drittijiet ta' proprjetà	Dawn huma għal meta ma tiħallix tgawdi l-proprjetà tiegħek, inklużi l-artijiet, il-flettijiet, il-karozzi eċċ. Dawn japplikaw ukoll jekk, bħala awtur jew inventur, tixtieq tiproteġi l-kreazzjoni tiegħek u l-qligħ minnha. Dawn jistgħu jkun relatati ma' xogħlijiet koperti minn drittijiet tal-awtur kif ukoll privattivi, marki kummerċjali, u metodi tan-negozju u proċessi industrijali oriġinali.
Drittijiet relatati ma' amministrazzjoni pubblika tajba	Dawn huwa għal meta tkun tixtieq tqajjem kwistjoni dwar amministrazzjoni ħażina, bħal meta l-kwistjonijiet tiegħek ma jiġux ttrattati b'mod imparzjali, ġust jew fi żmien raġonevoli minn uffiċju governattiv, awtorità lokali jew kwalunkwe istituzzjoni pubblika oħra.
Drittijiet fil-qasam tas-sigurtà soċjali u l-assistenza, l-edukazzjoni, l-abitazzjoni u l-kura tas-saħħa	Dawn huma għal meta ma tiħallix taċċessa l-intitolamenti tas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali, l-iktar waqt maternità, mard, aċċident, telf ta' impjeg jew minħabba l-età. Dawn ikopru d-drittijiet tiegħek għal aċċess għal kura u trattament mediċi bażiċi, u għal assistenza soċjali u għall-abitazzjoni inkluż appoġġ finanzjarju. Dawn ikopru wkoll problemi ta' aċċess għal edukazzjoni obbligatorja kif ukoll edukazzjoni superjuri u ulterjuri, inkluż taħriġ vokazzjonali

	u universitarju jew nuqqas ta' rispettt minn faċilitajiet edukattivi għall-konvinzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u pedagoġiċi tal-ġenituri. Dawn japplikaw ukoll għal problemi b'aċċess għal servizzi ġenerali bħal servizzi postali, telekomunikazzjonijiet jew trasport.
Drittijiet ta' gruppi vulnerabbli speċifiċi: persuni b'diżabbiltà, tfal u anzjani	Dawn huma għal meta ma tiffallix taċċessa l-benefiċċji soċjali (bħall-pensjoni tad-diżabbiltà) jew meta l-parteċipazzjoni tiegħek fil-ħajja soċjali, kulturali u politika tkun ipperkolata minħabba li int tifel jew tifla, persuna anzjana jew m'intix protett speċifikament bħala membru tal-gruppi li ġejjin: tfal, anzjani jew persuni b'diżabbiltà.
Drittijiet tal-ħaddiema u drittijiet relatati ma' attivitajiet ta' impjieg indipendenti u ta' negozju	Dawn huma għal meta ma tiffallix tagħżel impjieg liberament, taħdem, jew tiffaħ jew tmexxi negozju liberament. Dawn ikopru wkoll id-drittijiet tiegħek bħala ħaddiem għal informazzjoni u konsultazzjoni fuq il-post tax-xogħol, id-dritt ta' negozjar kollettiv u azzjoni, il-ħarsien minn tkeċċija inġusta kif ukoll id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Ikopru wkoll in-nuqqas ta' protezzjoni taż-żgħażaġh fix-xogħol u t-tħaddim tat-tfal.

Drittijiet relatati mal-protezzjoni tal-integrità fiżika u mentali ta' persuna

Terminu	Deskrizzjoni
Id-dinjità tal-bniedem	Għandek id-dritt li tkun ittrattat għal taħdem u b'rISPETT.
Id-dritt għall-ħajja	Dan id-dritt iħarsek minn, pereżempju, l-użu eċċessiv ta' forza letali mill-pulizija u mill-piena tal-mewt.
Id-dritt għall-integrità tal-persuna	Għandek id-dritt li tiffares milli tkun sfruttat jew imweġġa' fiżikament jew mentalment. Dan id-dritt jestendi wkoll għall-protezzjoni milli tiġi operat mingħajr kunsens, jew mill-bejgħ tal-organi tiegħek. Huwa jħares ukoll l-idea ta' "umanità" b'mod iktar ġenerali billi jipprojbixxi l-klonazzjoni umana jew l-interferenza fir-riproduzzjoni bl-għan ċerti gruppi soċjali u etniċi jittwaqqfu milli jkollhom tfal.
Projbizzjoni tat-tortura u trattament jew piena inumani jew degradanti	Għandek id-dritt li tkun protett minn tortura u trattamenti li jkunu intenzjonalment umiljanti, ta' wġiġh u ta' tbatija.
Projbizzjoni tal-iskjavitù u/jew tax-xogħol forzat	Għandek id-dritt li ma tkunx proprjetà jew ikkontrollat minn persuna oħra jew imġiegħel tiċċaqlaq minn post għall-iejhor biex taħdem jew tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda tiegħek.
Dritt għal-libertà u għas-sigurtà	Għandek id-dritt li tiffares milli tkun detenut bla raġuni validi. Pereżempju, tista' tintbagħat il-ħabs biss jekk ikkommettejt delitt; tista' tiġi arrestat biss jekk tkun suspettat li kkommettejt delitt u ma għandekx tgħaddi minn tiffittxijiet fuq persuniek irraġonevoli u raffi mingħajr ġustifikazzjoni.

Drittijiet ta' nondiskriminazzjoni

Terminu	Deskrizzjoni
RISPETT għad-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika	Dan id-dritt jissalvagwardja d-diversità kulturali, lingwistika u reliġjuża u jippermettilek tieħu sehem f'din id-diversità u tikkontribwixxi għaliha.
Diskriminazzjoni/trattament inġust fil-qasam tal-impjieg	Ma għandekx tiġi ttrattat b'mod inġust jew differenti fix-xogħol minħabba r-razza, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, eċċ. tiegħek.
Diskriminazzjoni/trattament inġust fil-qasam tal-edukazzjoni	Ma għandekx tiġi ttrattat b'mod inġust jew differenti fl-edukazzjoni minħabba r-razza, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, eċċ. tiegħek.
Diskriminazzjoni/trattament inġust fil-qasam tal-abitazzjoni	Ma għandekx tiġi ttrattat b'mod inġust jew differenti meta tipprova ssib xi mkien fejn tgħix jew meta tkun f'darek minħabba r-razza, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, eċċ. tiegħek.
Diskriminazzjoni/trattament inġust fil-qasam tal-protezzjoni soċjali	Ma għandekx tiġi ttrattat b'mod inġust jew differenti meta tkun qed tirċievi benefiċċji soċjali minħabba r-razza, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, eċċ. tiegħek.
Diskriminazzjoni/trattament inġust fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi	Ma għandekx tiġi ttrattat b'mod inġust jew differenti meta tipprova taċċessa prodotti u servizzi minħabba r-razza, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, eċċ. tiegħek.

Drittijiet relatati mal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon

Terminu	Deskrizzjoni
Il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon	Għandek il-libertà li tesprimi liberament l-ideat tiegħek (inklużi ideoloġiji u valuri morali) kif ukoll it-twemmin reliġjuż jew nonreliġjuż tiegħek.
Il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni	Għandek il-libertà li tesprimi u li tirċievi ideat u informazzjoni differenti. L-istampa għandha wkoll il-libertà li tippubblika kull informazzjoni li ma tkunx falza jew malafamanti.
Libertà tal-arti u x-xjenzi	Għandek il-libertà li tgawdi xogħlijiet kulturali u studji xjentifiċi, titgħallim minnhom u tinvestigahom. Jekk dawn ix-xogħlijiet ikunu fid-dominju pubbliku jew ma jkunux protetti mid-drittijiet tal-awtur, tista' anke taqsamhom mal-pubbliku.

Drittijiet ta' parteċipazzjoni soċjali u politika

Terminu	Deskrizzjoni
Libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni	Għandek il-libertà li tiltaqa' pubblikament jew privatament u tingħaqad ma' oħrajn għal kwalunkwe fini, sakemm dan ikun legali.
Dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet	Għandek id-dritt li ttipartecipa f'kull elezzjoni li tkun intitolat għaliha u li toħroġ bħala kandidat.
Protezzjoni diplomatika u konsulari	Għandek id-dritt li tingħata protezzjoni mill-ambaxxata jew konsulat tiegħek.

Drittijiet relatati mal-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-familja

Terminu	Deskrizzjoni
Dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjoniet tiegħek	Għandek id-dritt li tkun protett mix-xkiel illegali għall-ħajja personali u familjari tiegħek, inkluż f'darek u fil-komunikazzjonijiet tiegħek ma' nies oħra (inkluż onlajn).
Dritt għaż-żwieġ u d-dritt għat-twaqqif ta' familja	Għandek id-dritt li tiżżewweġ lis-sieħeb jew sieħba tiegħek u li jkollok familja.
Dritt li tirikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali (dritt għall-	

protezzjoni mit-tkeċċija għal xi raġuni konnessa mal-maternità, u d-dritt għal liv tal-maternità mħallas u għal liv tal-ġenituri wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel jew tifla)	Għandek id-dritt li tibbilanċja l-ħajjar professjonali u dik familjari, inkluż id-dritt li titthares minn tkeċċija inġusta konnessa mal-maternità. Dan jinkludi wkoll id-dritt tiegħek għal liv tal-maternità u tal-ġenituri mħallas wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tfal.
--	--

Drittijiet tal-ħaddiema u drittijiet relatati ma' attivitajiet ta' impjeg indipendenti u ta' negozju

Terminu	Deskrizzjoni
Libertà professjonali u dritt għax-xogħol	Għandek id-dritt li tiddeċiedi fejn tiżviluppa professjonalment il-ħiliet, il-ftigijiet u l-aspirazzjonijiet tiegħek.
Libertà ta' intrapriża	Għandek id-dritt li tiftaħ negozju mingħajr restrizzjonijiet addizzjonali apparti jew iktar minn dawk li huma prattika standard.
Dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-impriża	Għandek id-dritt li tirċievi informazzjoni rigward id-drittijiet tiegħek fuq ix-xogħol u li tkun tista' ssemma' lehnec meta jkun hemm bidliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li jaffettwaw direttament.
Dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettiva	Għandek id-dritt li tinteraġixxi kollettivament ma' nies oħra fuq ix-xogħol bħala parti min-negozjati dwar ftehim kollettiv, kuntratti tax-xogħol u negozjati relatati oħrajn li jaffettwaw l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħek. Dan id-dritt jippermettilek ukoll li tibda azzjonijiet kollettivi bħal strajks, protesti u azzjonijiet simili oħrajn.
Dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' kollokament f'impjeg	Għandek id-dritt li jkollok aċċess liberu għall-aġenziji tal-impjegi u kumpaniji oħrajn li jistgħu jgħinuk issib impjeg xieraq għall-kwalifiki u l-esperjenza tiegħek.
Protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija inġusta	Għandek id-dritt li titthares milli titkeċċa mix-xogħol b'mod li jmur kontra l-liġijiet industrijali applikabbli.
Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa	Għandek id-dritt li jkollok kundizzjonijiet tax-xogħol li jissodsifaw l-istandards tal-ġustizzja.
Projbizzjoni tal-impjeg ta' tfal u protezzjoni taż-żgħażaġh fuq il-post tax-xogħol	Għandek id-dritt li titthares milli tkun impjegat meta tkun għandek taħt l-età tax-xogħol. Hemm ukoll protezzjoni jekk qed taħdem wara l-ilfuq tal-età tax-xogħol.

Drittijiet fil-qasam tas-sigurtà soċjali u l-assistenza, l-edukazzjoni, l-abitazzjoni u l-kura tas-saħħa

Terminu	Deskrizzjoni
Dritt għall-edukazzjoni	Għandek id-dritt li jkollok aċċess għas-sistemi edukattivi.
Sigurtà soċjali u assistenza soċjali	Għandek id-dritt ta' aċċess għas-sistemi tas-sigurtà soċjali (inklużi l-pensjoni, protezzjoni minn inċidenti relatati max-xogħol u benefiċċji diversi tal-qgħad) kif ukoll għal programmi oħrajn ta' assistenza soċjali.
Kura tas-saħħa	Għandek id-dritt li jkollok aċċess għas-sistemi tal-kura tas-saħħa.
Aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali	Għandek id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ġenerali bħall-enerġija, it-trasport jew is-servizzi tal-ilma.

Dritt ta' aċċess għall-qrati u korpi oħrajn biex tikseb rimedju, bħal deċiżjoni vinkolanti jew kumpens finanzjarju

Terminu	Deskrizzjoni
Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali	Għandek id-dritt ta' aċċess għall-qrati jew li tuża mezzi oħrajn biex titlob id-drittijiet tiegħek. Il-fatt li teżisti qorti mhux biżżejjed; trid tintuża biex tieħu deċiżjonijiet li jagħmlu differenza fis-sitwazzjoni li tkun l-oġġett tal-proċedimenti. Il-qrati jridu jkunu wkoll ġusti - billi jittrattaw lilek u lill-oħrajn bl-istess mod, u jaġixxu skont regoli stabbiliti.
Preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għad-difiża	Għandek id-dritt li tkun ittrattat bħala persuna innoċenti sakemm tiġi ppruvata l-ħtija tiegħek; għandek id-dritt li tiġi difiż meta tiġi akkuża b'reat.
Prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pjeni	Għandek id-dritt li titthares milli tiġi kkastigat għal delitt li mhux previst mil-liġi. Il-pieni għandhom ikunu proporzjonali għad-delitt kommess.
Dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat	Għandek id-dritt li titthares milli titressaq il-qorti u tiġi kkastigat għall-istess reat iktar minn darba għal att kriminali wieħed.

Drittijiet ta' ažiil u immigrazzjoni

Terminu	Deskrizzjoni
Dritt għall-ažiil	Għandek id-dritt li titlob ažiil f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea.
Protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni	Għandek id-dritt li titthares minn tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni illegali mill-pajjiż fejn qed tirisjedi.

Drittijiet ta' gruppi vulnerabbli speċifiċi: persuni b'diżabbiltà, tfal u anzjani

Terminu	Deskrizzjoni
Drittijiet tat-tfal	Bħala tifel jew tifla għandek id-dritt għall-protezzjoni u l-kura meħtieġa għall-ġid tiegħek. Għandek ukoll id-dritt li tesprimi l-opinjoni tiegħek u li dawn l-opinjoni jgħu kkunsidrati.
Persuna b'diżabbiltà	Għandek id-dritt li titthares biex il-kundizzjoni mentali jew fiżika tiegħek ma taffettwalekx it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet l-oħra tiegħek.
Drittijiet tal-anzjani	Bħala persuna anzjana għandek id-dritt tgħix haġja dinjituża u indipendenti u li tipparteċipa fil-ħajja soċjali u kulturali.

Bażijiet għad-diskriminazzjoni

Terminu	Deskrizzjoni
Sess	Din tħarsek milli tiġi ttrattat b'mod differenti minħabba s-sess tiegħek, pereżempju jekk ma tkunx promoss minħabba li inti mara jew li inti raġel.
Oriġini razzjali u etnika	Din tħarsek milli tkun ittrattat b'mod differenti minħabba l-orijini razzjali jew etnika tiegħek.
Età	Din tħarsek milli tkun ittrattat b'mod differenti minħabba l-età tiegħek.

Diżabbiltà	Din tħarsek milli tkun ittrattat b'mod differenti minħabba kwalunkwe tip ta' diżabbiltà.
Orjentament Sesswali	Din tħarsek milli tiġi ttrattat b'mod differenti minħabba li inti pereżempju attratt lejn l-istess sess jew ġeneru jew lejn iż-żewġ sessi.
Reliġjon u twemmin	Din tħarsek milli tkun ittrattat b'mod differenti minħabba t-tweemmin reliġjuż, ateu jew anjostiku tiegħek.
Bażijiet oħrajn	Dawn iħarsek milli tkun ittrattat b'mod differenti fuq il-bażi ta' raġunijiet oħrajn mhux elenkati hawn fuq, bħall-affiljazzjoni politika, id-dehra fiżika, eċċ.

Oqsma ta' diskriminazzjoni

Terminu	Deskrizzjoni
Edukazzjoni	Dan iħarsek milli tiġi ttrattat b'mod differenti, pereżempju, fl-aċċess għall-edukazzjoni.
Impjiegi	Dan iħarsek milli tiġi ttrattat b'mod differenti, pereżempju, fl-aċċess għal impjieg jew fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.
Oġġetti u servizzi	Dan iħarsek milli tiġi ttrattat b'mod differenti meta tixtri prodotti jew tuża servizzi differenti.
Abitazzjoni	Dan iħarsek milli tiġi ttrattat b'mod differenti, pereżempju, meta tipprova tikri jew tixtri post ta' akkomodazzjoni.
Oqsma oħra	Dan iħarsek milli tiġi ttrattat b'mod differenti fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra mhux elenkati fuq, bħal fir-rigward tal-kura tas-saħħa, il-mezzi tax-xandir, l-isports, ix-xjenza, il-partiti politiċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ.
Protezzjoni Soċjali	Dan iħarsek milli tiġi ttrattat b'mod differenti, pereżempju, meta tipprova tikseb aċċess għal skemi differerenti ta' protezzjoni soċjali f'każ ta' mard, invalidità, età avvanzata, qgħad, eċċ.

L-aħħar aġġornament: 24/10/2018

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.